MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 536/2004

**Pater Finance Co. Ltd.**

**vs**

**Jesmond Scerri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Marzu, 2004, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn lira Maltin (Lm200) rappresentanti l-import ta' erba' kambjali kollha ta' Lm50 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Gunju 2001 sa Settembru 2001 rispettivament u mhux imhallsa, annessi ma'l-avviz u immarkati bhala dokumenti 1 sa 4 konsekuttivament u inklusivament.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid ipprezentat kontestwalment ma'l-avviz u bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sat-2 ta' Marzu 2004

jammontaw ghal Lm45 oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tas-16 ta’ April 2004, meta gewipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ mitejn lira Maltin (Lm200), bl-imghaxijiet legali mid-data ta’l-iskadenza ta’ kull kambjala.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk tal-mandat ta’ qbid ipprezentat kontestwalment ma’l-avviz ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------